MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 415/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Giuseppe Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, talli fit-12 t'Ottubru, 2001 u fis-snin ta' qabel, ukoll wara nzul ix-xemx, b'mezzi
Qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, bhala detentur ta' l-istabbilimenti "Ta' Natu Supermarket u "Stop N Save" fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, jew bhala l-persuna li f'ismu hemm irregistrati l-meters tad-dawl, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku mill-imsemmija fondijiet, ghad-dannu tal-Korporazzjoni

Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000).
Fl-istess perjodu ghamel hsara fil-gumni jew fil-makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser parti mill-meter jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta' l-elettriku, liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn LM10 izda inqas minn LM50 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2009, li bih, l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-appellant giet michuda.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-provvediment (digriet interrogatorju) tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2009 filwaqt li takkolji l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fl-24 ta' Lulju, 2009.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi.
Illi in effetti l-Qorti tal-Magistrati irriteniet li l-Qorti li tircievi r-rinvija ghall-gudizzju tal-Avukat Generali mhijiex marbuta ma ebda terminu la ta' xahar u lanqas itwal jew iqsar jekk tistaqsi l-akkuzat jekk ghandu oggezzjoni li fil-kaz tieghu jigi trattat b'proceduri sommarji.
Illi minhabba f'dan ghalhekk il-Qorti dehrilha li kellha f'dan l-istadju isaqsi lill-appellant jekk hu ghandux oggezzjoni jekk il-kaz tieghu jigix trattat sommarjament.
Illi pero ghandu jinghad li l-Avukat Generali baghat l-artikoli lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja vide folio 74 fit-22 ta' Dicembru, 2004, u dan fit-termini tal-artikolu 370 (3)(b)(c) bil-proviso li tisma certi xhieda.

Illi jidher li umbaghad fis-seduta tal-11 ta' Janar, 2009 il-Qorti qabdet u kkonvertiet ruhha ghall-Qorti ta' Gudikatura Kriminali minghajr ma saqsiet lill-appellant jekk isibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minnha.

Illi l-Qorti umbaghad semghet il-provi li kien jonqsilha tipproduci l-prosekuzzjoni li gew konkluzi fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2005. Il-kawza umbaghad giet differita ghall-provi tal-appellant.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2008 id-difiza bdiet ittellgha l-provi taghha w fil-fatt tellghet lil certu Alan Chetcuti biex jiddeponi.

Illi in effetti mbaghad fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2009 xehed ukoll l-istess appellant u l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni.

Illi l-appellant jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 370 (3)(c) liema artikolu jiddisponi s-segwenti :-
*"If within the said time the accused replies that there is no objection on his part to his case being tried summarily the Court shall note the reply in the records of the proceedings and there upon the Court shall become competent to try the accused and shall proceed to give judgement forthwith as provided in article 377".*

Illi ghalhekk minn dan il-provvedimenti tal-ligi jirrizulta b'mod skjaccanti li l-Qorti tista' tikkonverti lilha nnifisha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali biss f'dak il-mument li l-appellant jaghti l-kunsens tieghu.

Illi kif ga relevat din il-Qorti qabdet u ghamlet dan minghajr ma qatt talbet lill-istess appellant jaghti tali kunsens ghad li l-atti gew rinvjati a gudizzju lura lejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja 'l fuq minn erba' (4) snin ilu.

Illi in effetti mill-qari tal-istess nota tal-Avukat Generali naraw li l-istess Avukat Generali rrinvija l-atti lura lejn il-Qorti bhala Qorti Istruttorja u mhux bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi ghad li huwa koncess li l-Qorti tircievi r-rinviju ghall-gudizzju mhijiex marbuta b’ebda terminu u dan ghax hekk gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna, dan ma jfissirx li din tista’ tikkonverti ruhha bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali umbaghad wara li jingabru l-provi kollha w il-kawza tkun waslet ghat-trattazzjoni tkun tista’ tissana kollox u taghmel mistoqsija f’dan l-istadju ghax dan huwa assurd.

Illi dak relevat mill-Qorti jfisser biss li l-Qorti Istruttorja f’dak il-mument mhix aktar marbuta mat-termini u tista’ fil-liberta’ taghha kollha tisma provi ulterjuri li jrid jipproduci l-Avukat Generali umbaghad meta jidhrilha opportun taghmel mistoqsija lill-appellant.

Illi pero mill-verb tal-ligi jirrizulta bl-iktar mod car li din tista’ tikkonverti ruhha biss f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u tibda tisma l-provi w id-difiza tal-appellant fil-mument li l-istess appellant jaghti l-kunsens tieghu u mhux qabel.
Ikkunsidrat.

Illi dan huwa appell minn digriet interlokutorju moghti fil-hamsa (5) ta’ Novembru, 2009 wara eccezzjoni mqajma mid-difiza ghan-nullita tal-proceduri stante li ma giex segwit il-pre dispost ta’ l-Artiklu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, fis-sens illi meta nqraw l-Artikoli quddien il-Qorti tal-Magistrati waqt l-udjenza tal-hdax (11) ta’ Jannar, 2005 l-imputat ma giex mistoqsi jekk kienx qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi deciz sommarjament minn din il-Qorti.

L-ewwel Qorti argumentat li fuq l-iskorta tal-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Francis Cassar (14 ta’ Gunju, 1999) gie ritenut li l-Qorti li tircievi r-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali ma hix marbuta b’ebda terminu la ta’ xahar u lanqas itwal jew iqsar biex issaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Ghalhekk minkejja li l-kawza kompliet ghaddejja, b’daqshekk ma hemmx l-ebda nullita tal-proceduri u lanqas ma hemm bzonn li l-istess proceduri jigu ssanati u ghalhekk l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni ta’ nullita u ordnat illi l-kawza titkompla.

Ikkunsidrat.

Kif tajjeb osserva l-istess appellant, appell min digriet interlokutorju m'ghandux isir kemm il-darba ma jzommx l-andament tal-kawza.  L-Artiklu 415(1) tal-Kodici Kriminali jghid "L-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem jista' jsir biss wara s-Sentenza defenittiva, u flimkien ma l-appell minn din is-Sentenza."  L-appellant qieghed jargumenta illi peress illi l-Qorti baqghet tindirizza ruhha bhala ta' Gudikatura Kriminali,  quindi impicitament ikkonvertiet ruhha f'dik il-kompetenza qabel ma kellha l-kunsens ta' l-imputat. Quindi dana huwa zball fundamentali li jzomm il-procediment tal-Qorti.

Ikkunsidrat.

Bid-digriet taghha tal-hamsa (5) ta' Novembru, 2009 l-ewwel Qorti dderemiet din il-kwistjoni imqajma mid-difiza u tat ir-ragunijiet taghha 'l ghala kellu jkun hekk. Di piu ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Quindi dan id-digriet zgur illi ma jistax jinghad illi qed izomm il-kawza milli titmexxa 'l quddiem.

Il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati tigi radikata bir-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali u mhux bil-kunsens tal-imputat ghalhekk il-Qorti tibqa` dejjem wahda ta' Gudikatura Kriminali avolja l-kunsens ma jkunx ghadu ntalab u tista tkompli minghajr xkiel f'din il-vesti.  Huwa biss jekk l-imputat ma jaghtix il-kunsens biex il-kawza titkompla tinstema bi procedura sommarja li l-Qorti tal-Magistrati tigi svestita mill-kompetenza u jkollha tibghat l-atti lura lill-Avukat Generali.  Dan l-istadju ghadu ma ntlahaqx u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghada vestita bil-kompetenza biex tissokta bil-kawza, kif korrettement iddecidiet li taghmel u d-digriet taghha f'dan l-istadju hu inappellabbli.

Naturalment minghar pregudizzju ghad-drittijit ta' l-istess appellant illi jappella minn dan id-digriet meta tinghata s-Sentenza finali.  Ghalhekk a tenur ta' l-Artiklu 415 (1) fuq

imsemmi dak id-digriet huwa inappellabli f'dan l-istadju tal-proceduri.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tordna illi l-process jintbghat lura minnufih lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------